

Brussell, 5 ta' Ġunju 2018  
(OR. en)

9716/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0220 (COD)**

---

**ENT 103**  
**MI 419**  
**ENV 401**  
**AGRI 266**  
**CODEC 955**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Ġunju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 397 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jikkomplimenta l-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 397 final.

---

Mehmuż: COM(2018) 397 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.6.2018  
COM(2018) 397 final

2018/0220 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jikkomplimenta l-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-  
ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li, sakemm ma jkunx hemm ftehim dwar il-ħruġ irratifikat li jstabilixxi data oħra, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni mhix ser tibqa' tapplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019, ("id-data tal-ħruġ"). Ir-Renju Unit imbagħad isir "pajjiż terz".

Bla ħsara għal xi arranġament tranżitorju li jista' jkun hemm fi ftehim possibbli dwar il-ħruġ, il-qafas leġislativ tal-UE li jirregola l-approvazzjoni tat-tip għal għadd ta' prodotti mhux se jibqa' japplika għar-Renju Unit mid-data tal-ħruġ, b'mod partikolari:

- Id-Direttiva 2007/46/KE dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet (li trid tinbidel b'Regolament li se jkun applikabbli mill-1 ta' Settembru 2020);
- Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 dwar l-approvazzjoni tat-tip tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli;
- Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija; kif ukoll
- Ir-Regolament (UE) 2016/1628 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' magni għall-użu f'makkinarju mobbli mhux tat-triq.

Dan ifisser ukoll li l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit mhix ser tibqa' awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u mhix ser tibqa' kapaċi tissodisfa xi waħda mis-setgħat u l-obbligi ta' awtorità tal-approvazzjoni tat-tip skont il-leġislazzjoni tal-UE. Għalhekk, il-manifatturi li kisbu l-approvazzjonijiet fir-Renju Unit fil-passat ser ikollhom bżonn jiksbu approvazzjonijiet ġodda mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE-27, inkluż għal prodotti diġà fil-produzzjoni, sabiex tiġi żgurata l-konformità kontinwa mal-leġislazzjoni tal-UE u jinżamm aċċess għas-suq tal-Unjoni.

Filwaqt li l-qafas legali għal dawn il-prodotti jstabilixxi r-rekwiżiti proċedurali li jarmonizzaw il-mod kif l-approvazzjonijiet tat-tip jingħataw fl-UE kollha, xi salvagwardji jagħmluha diffiċli għall-manifatturi rilevanti biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-konformità regolatorja u l-kontinwità tal-operat wara li l-acquis tal-UE ma jibqax japplika għar-Renju Unit.

Pereżempju, is-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tippermetti lill-manifatturi li jagħżlu b'mod liberu l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li lilha jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom għall-approvazzjoni tat-tip. Madankollu, din ma tippermettix il-bidla tal-awtorità ladarba l-approvazzjoni tkun ingħatat, u ma jkunx possibbli għal awtorità waħda li temenda l-approvazzjoni maħruġa minn awtorità oħra. Bl-istess mod, il-leġislazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tirrikejdi li awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tista' taċċetta biss rapporti tat-test mingħand servizzi tekniċi maħtura u nnotifikati minn qabel lill-Kummissjoni mill-Istat Membru li għalih jappertjenu. Barra minn hekk, huwa prinċipju fundamentali tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip li prodott jista' jiġi approvat biss skont ir-rekwiżiti applikabbli għal tipi ġodda (kuntrarju għal vetturi ġodda) fiż-żmien meta tingħata l-approvazzjoni. Fl-aħħar nett, hekk kif l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit ma tibqax awtorità tal-

approvazzjoni tat-tip tal-UE, ma tkunx tista' tiżgura l-konformità tal-produzzjoni u l-konformità waqt is-servizz ta' prodotti li diġà jinsabu fiċ-ċirkolazzjoni. Awtorità tal-approvazzjoni tat-tip responsabbli hija meħtieġa wkoll għas-sejħa lura ta' prodott mis-suq li ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ambjentali jew ta' sikurezza.

Dawn il-kwistjonijiet joħlqu inċertezza sinifikanti tad-dritt għall-manifatturi b'approvazzjonijiet tat-tip tar-Renju Unit. Il-proposta preżenti għandha l-għan li tindirizzahom billi timmodifika b'mod temporanju u b'mod dettaljat ir-regoli eżistenti biex tippermetti produtturi ġodda kkonċernati fl-UE-27 li jibdlu l-prodotti tagħhom eżistenti li għandhom l-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit. Il-proposta:

- B'mod espliċitu tippermetti lill-manifatturi kkonċernati japplikaw għand awtorità tal-approvazzjoni tat-tip mill-UE-27 għal approvazzjonijiet ġodda għal tipi eżistenti;
- Tippermetti li t-testijiet li fuqhom huma bbażati l-approvazzjonijiet tat-tip tar-Renju Unit ma jkollhomx għalfejn jiġu ripetuti minħabba li s-servizz tekniku ma kienx inħatar u ma kienx ġie nnotifikat minn qabel mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE-27;
- Tipprevedi li dawn l-approvazzjonijiet jistgħu jingħataw jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għall-vetturi, is-sistemi, l-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati ġodda, u mhux ir-rekwiżiti għal tipi ġodda;
- Tipproponi li tgħin biex jiġu identifikati l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ġodda għal daww il-prodotti li jkunu diġà fis-suq qabel il-ħruġ, biex jiġi evitat li l-ebda awtorità ma tkun inkarigata li twettaq kontrolli ta' konformità waqt is-servizz jew toħroġ sejħa lura ta' prodott mis-suq possibbli fil-futur.

Id-dispożizzjonijiet proposti fil-proposta mhux ser ibaxxu r-rekwiżiti rigward is-sikurezza jew il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati. Mhux ser tagħti xi vantaġġ lill-manifatturi b'approvazzjonijiet tat-tip tar-Renju Unit, meta mqabbla mal-manifatturi b'approvazzjonijiet tat-tip tal-UE-27. Għall-kuntrarju, l-inizjattiva ser tippermetti sempliċement lill-manifatturi biex ikomplu jiproduċu l-prodotti tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti ġuridiċi applikabbli, mingħajr ma jinterrompu l-produzzjoni eżistenti tagħhom, xi ħaġa li tista' tikkawża impatti ekonomiċi u soċjali sinifikanti. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-manifatturi mad-dritt tal-UE, l-inizjattiva ser tiżgura wkoll il-protezzjoni tal-konsumaturi u ċ-ċittadini.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta ser tkun *lex specialis* fir-rigward tal-erba' atti elenkati fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha biss safejn din tiddevja minnhom; mill-bqija, id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' dawn l-atti se jkomplu japplikaw. Din il-proposta hija kompletament konsistenti mal-leġislazzjoni eżistenti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti għalkollox mal-mandat tal-Kunsill għan-negozjati mar-Renju Unit dwar il-ħruġ tiegħu mill-Unjoni.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika tal-proposta hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Peress li l-att propost jikkomplimenta erba' atti tal-Unjoni u jimmodifika l-kontenut tagħhom, din tista' tinkiseb biss permezz ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni u mhux permezz ta' azzjoni fil-livell ta' Stat Membru.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta titqies proporzjonata peress li tipprevedi bidla legali meħtieġa u fl-istess ħin ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet li jippermettu lill-manifatturi li għandhom approvazzjonijiet tat-tip tar-Renju Unit jikkonformaw mal-leġislazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip. Din tipprevedi l-kundizzjonijiet legali meħtieġa biex jinżammu, sa fejn hu possibbli, il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-manifatturi.

- **Għażla tal-istrument**

Minħabba li l-att jiddefinixxi regoli speċifiċi biex tiġi indirizzata sitwazzjoni speċifika ħafna u ta' darba, b'mod eċċezzjonali, mhux ser jimmodifika dawn l-atti, iżda japplika bħala att awtonomu għal tul ta' żmien limitat. Peress li tlieta mill-atti kkonċernati huma regolamenti u wieħed huwa direttiva (li dalwaqt tinbidel b'regolament li ser ikun applikabbli mill-1 ta' Settembru 2020), regolament jidher li huwa l-unika forma adegwata ta' att, li jippermetti li l-Istati Membri jiddevjaw mir-regoli ġenerali rilevanti li normalment ikunu applikabbli. Regolament hu wkoll l-aħjar għażla ta' strument għall-urġenza tal-kwistjoni.

## 3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **L-evalwazzjonijiet “ex post”/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-isfidi li jirriżultaw għall-approvazzjoni tat-tip minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE tqajmu u ġew diskussi f'diversi laqgħat mal-Istati Membri. Dawn inġiebu wkoll għall-attenzjoni tal-Kummissjoni mill-manifatturi u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentawhom.

Il-partijiet ikkonċernati kellhom il-possibbiltà li jipprovdu rispons dwar l-inizjattiva permezz tal-portal għal Regolamentazzjoni Aħjar (“Semma’ leħnek”) tal-Kummissjoni Ewropea.

Matul il-perjodu ta' rispons, mis-26 ta' April 2018 sal-10 ta' Mejju 2018, 15-il parti kkonċernata pprovdeu kummenti, fosthom disa' assoċjazzjonijiet ta' partijiet ikkonċernati Ewropej, tliet assoċjazzjonijiet mir-Renju Unit, żewġ manifatturi u ċittadin. L-intenzjoni li tinholq aktar ċertezza tad-dritt kienet ġeneralment apprezzata. Diversi kummenti kienu jikkonċernaw kwistjonijiet ta' natura orizzontali

għal kull tip ta' oġġetti, in-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar ftehim dwar il-ħruġ u r-relazzjoni futura tal-Unjoni mar-Renju Unit. Ir-rispons ittieħed f'kunsiderazzjoni fit-tnejn tal-proposta kif rilevanti.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Dwar ir-rispons bil-fomm u bil-miktub mingħand il-manifatturi u l-Istati Membri, ara hawn fuq.

Analiżi legali tal-leġislazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip li fuqha huma bbażati żewġ avviżi lill-partijiet ikkonċernati: Guidance to stakeholders on impact on type-approval of motor vehicles tat-8 ta' Farar 2018 u Guidance to stakeholders on impact on type-approval of certain vehicles and engines tat-28 ta' Marzu 2018.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta ma għorrx konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

#### 4. **IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT**

Mhux applikabbli.

#### 5. **ELEMENTI OĦRAJN**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, għall-  
evalwazzjoni u għar-rapportar**

Mhux applikabbli.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jikkomplimenta l-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-  
ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li, sakemm ma jkunx hemm ftehim dwar il-ħruġ irratifikat jew il-Kunsill Ewropew, bi qbil mar-Renju Unit, b'mod unanimu, jistabbilixxi data oħra, id-dritt tal-Unjoni mhux ser jibqa' japplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019. Ir-Renju Unit imbagħad isir "pajjiż terz".
- (2) Ġie stabbilit qafas leġiżlattiv komprensiv dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-UE bid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, bir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, bir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> u bir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>.

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (ĠU L 261, 9.10.2007, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (ĠU 252, 16.9.2016, p. 53).

- (3) Dawk l-atti jħallu lill-manifatturi l-għażla tal-awtorità li mingħandha jiksbu approvazzjoni tat-tip li tippermettilhom li jqiegħdu prodotti fis-suq fl-Istati Membri kollha.
- (4) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe dispożizzjoni speċjali, il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni ser ikollu l-effett li l-approvazzjonijiet tat-tip li ngħataw qabel mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit ma jistgħux jiżguraw aktar aċċess għas-suq tal-Unjoni. Manifatturi stabbiliti fi Stati Membri għajr ir-Renju Unit, ukoll għandhom f'idejhom approvazzjonijiet bħal dawn. Filwaqt li vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati b'approvazzjoni tat-tip mir-Renju Unit jistgħu jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni sal-mument meta d-dritt tal-Unjoni jieqaf japplika għar-Renju Unit u fih, hemm bżonn li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċjali biex jiġi ffaċilitat it-tqegħid ta' dawk il-prodotti fis-suq tal-Unjoni wara dik id-data.
- (5) Bħalissa, il-leġislazzjoni tal-Unjoni ma tippredix il-possibbiltà ta' approvazzjoni mill-ġdid ta' tipi li diġà kienu approvati xi mkien ieħor fl-Unjoni. Madankollu, il-manifatturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jkomplu l-produzzjoni ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li qabel kienu bbażati fuq approvazzjonijiet tat-tip mogħtija mir-Renju Unit, u li jkomplu jqiegħdu tali prodotti fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-produtturi jitħallew jiksbu approvazzjonijiet ġodda minn awtoritajiet fi ħdan l-Istati Membri tal-Unjoni għajr ir-Renju Unit.
- (6) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura wkoll li l-manifatturi jibqgħu jkollhom l-akbar libertà possibbli li jagħżlu l-awtorità l-ġdida tal-approvazzjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li dik l-għażla mill-manifattur ma tiddependix fuq il-kunsens tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit jew l-eżistenza ta' kwalunkwe arranġamenti bejn l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit u l-awtorità l-ġdida tal-approvazzjoni tat-tip.
- (7) Biex tiġi pprovduta ċ-ċertezza tad-dritt meħtieġa għall-partijiet ikkonċernati kollha u biex jiġu assigurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-manifatturi, hemm bżonn li jiġu stabbiliti, b'mod trasparenti, l-istess kundizzjonijiet applikabbli fl-Istati Membri kollha.
- (8) Biex il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, ikunu jistgħu jkomplu, ir-rekwiżiti li magħhom dawn it-tipi jridu jikkonformaw sabiex jiġu approvati mill-awtorità ta' Stat Membru tal-Unjoni għajr ir-Renju Unit jenħtieġ li jkunu dawk applikabbli għat-tqegħid fis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ġodda u mhux dawk applikabbli għal tipi ġodda.
- (9) Ir-rekwiżiti għall-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati ġodda jkunu applikabbli bl-istess mod għall-manifatturi li jkollhom approvazzjonijiet tat-tip mogħtija mill-Istati Membri għajr ir-Renju Unit. Għalhekk, l-istabiliment tal-istess rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tipi skont dan ir-Regolament u għat-tqegħid fis-suq ta' vetturi ġodda, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għandu l-għan li jiżgura trattament ugwali tal-manifatturi affettwati mill-ħruġ tar-Renju Unit u ta' dawk li għandhom approvazzjonijiet tat-tip mogħtija mill-Istati Membri oħra għajr ir-Renju Unit.
- (10) Jenħtieġ li xejn f'dan ir-Regolament ma jipprekludi lill-manifattur ta' vettura milli japplika fuq bażi volontarja għal approvazzjoni ta' tip ta' vettura tal-Unjoni approvat qabel fir-Renju Unit skont ċerti rekwiżiti applikabbli għal tipi ta' sistemi, komponenti

jew unitajiet tekniċi separati ġodda fejn it-tip tal-vettura jibqa' identiku għal dak approvat fir-Renju Unit.

- (11) Jenħtieġ li approvazzjonijiet imfittxija għal tipi kompletament ġodda ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (12) Jenħtieġ li jkun possibbli għall-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija abbażi ta' dan ir-Regolament li jiġu bbażati fuq rapporti ta' testijiet li jkunu diġà ġew ippreżentati għal skopijiet biex jinkisbu l-approvazzjonijiet fir-Renju Unit, fejn ir-rekwiżiti, li huma l-bażi ta' dawn ir-rapporti tat-test, ma nbidlux. Sabiex jippermetti tali użu kontinwu ta' rapporti tat-testijiet maħruġin mis-servizz tekniku nnotifikat mir-Renju Unit, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi eżenzjoni mir-rekwiżit li tali servizz tekniku jrid ġie maħtur u nnotifikat lill-Kummissjoni mill-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip. Sabiex ikopri wkoll iż-żmien meta d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fih, dan ir-Regolament jenħtieġ ukoll li jipprevedi eżenzjoni mir-rekwiżiti speċifiċi li jikkonċernaw il-ħatra u n-notifika tas-servizzi tekniċi ta' pajjiżi terzi.
- (13) Fl-istess ħin, peress li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip iridu jkunu kompletament responsabbli għall-approvazzjonijiet il-ġodda li jaqhtu, dawn jenħtieġ li jkollhom id-diskrezzjoni li jirrikjedu li jitwettqu testijiet ġodda għal kull element tal-approvazzjoni li jidhrilhom xieraq.
- (14) Sakemm dan l-att ma jipprovdix mod ieħor, ir-regoli ġenerali dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-UE jenħtieġ li jkomplu japplikaw.
- (15) Jenħtieġ li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-fatt li r-rwol attribwit lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ma jispiċċax mal-produzzjoni jew mat-tqegħid fis-suq ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, iżda jestendi għal diversi snin wara t-tqegħid fis-suq ta' daww il-prodotti. Dan japplika b'mod speċjali fir-rigward tal-obbligi ta' konformità waqt is-servizz għall-vetturi li jaqgħu taħt id-Direttiva 2007/46/KE u fir-rigward tal-obbligi ta' informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, is-sejnhiet lura potenzjali ta' prodott mis-suq għal vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li jaqgħu taħt id-Direttiva 2007/46/KE, ir-Regolament (UE) Nru 167/2013, ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 jew ir-Regolament (UE) 2016/1628. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament tassumi daww l-obbligi wkoll fir-rigward ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati abbażi tal-istess tip u li diġà tqiegħdu fis-suq fl-Unjoni abbażi tal-approvazzjoni tat-tip mogħtija fir-Renju Unit biex jiġi żgurat li jkun hemm awtorità tal-approvazzjoni tat-tip responsabbli.
- (16) Għall-istess raġunijiet, huwa wkoll meħtieġ li l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni tassumi ċerti obbligi fir-rigward ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li tqiegħdu fis-suq fl-Unjoni abbażi tal-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija mir-Renju Unit li jew ma għadhomx validi skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2007/46/KE, l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 jew l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/1628, jew li għalihom ma tintalab l-ebda approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament. Biex jiġi żgurat li jkun hemm awtorità tal-approvazzjoni tat-tip responsabbli, jenħtieġ li l-manifatturi jiġu rikjesti li jitolbu lill-awtorità li tapprova t-tipi li qabel kienu jiġu approvati fir-Renju Unit, li tassumi l-obbligi fir-rigward ta' sejnhiet lura ta' prodott mis-suq, informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, u kontrolli ta' konformità waqt is-servizz fir-rigward ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati bbażati fuq tipi oħra u li jkunu diġà tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. Biex tiġi limitata l-firxa tal-

obbligi meħuda mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni, jenħtieġ li dawk l-obbligi jikkonċernaw biss il-prodotti bbażati fuq l-approvazzjonijiet tat-tip tar-Renju Unit li kienu ngħataw wara l-1 ta' Jannar 2008.

- (17) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jikkomplimenta d-Direttiva 2007/46/KE, ir-Regolament (UE) Nru 167/2013, ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 u r-Regolament (UE) 2016/1628 b'regoli speċjali marbuta mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.
- (18) Sabiex il-manifatturi jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iħejju mingħajr dewmien għall-ħruġ tar-Renju Unit fir-rigward tal-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

##### **Suġġett**

Dan ir-Regolament jikkomplimenta d-Direttiva 2007/46/KE, ir-Regolament (UE) Nru 167/2013, ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 u r-Regolament (UE) 2016/1628 billi jistabilixxi dispożizzjonijiet speċjali għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE u għat-tqegħid fis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li jkunu kisbu approvazzjoni tat-tip mill-awtorità tal-approvazzjoni tar-Renju Unit qabel il-jum meta d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fih ("l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit").

#### *Artikolu 2*

##### **Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2007/46/KE, ir-Regolament (UE) Nru 167/2013, ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 jew ir-Regolament (UE) 2016/1628 u t-tipi tagħhom li ġew approvati mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit abbażi ta' dawk l-atti jew kwalunkwe att elenkat fl-Anness IV tad-Direttiva 2007/46/KE jew kwalunkwe att imħassar minn dawk l-atti.

2. Referenzi għal unitajiet tekniċi separati skont dan ir-Regolament għandhom jinftiehem bħala referenzi għal magni skont ir-Regolament (UE) 2016/1628.

#### *Artikolu 3*

##### **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "Awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni" tfisser awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ta' Stat Membru għajr ir-Renju Unit;

- (2) “Approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit” tfisser approvazzjoni tat-tip tal-UE jew tal-KE mogħtija mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit;
- (3) “Approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni” tfisser approvazzjoni tat-tip tal-UE mogħtija minn awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni f’konformità ma’ dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 4*

### **Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni**

1. Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 6(6) tad-Direttiva 2007/46/KE, l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, l-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 u l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2016/1628, manifattur li jkollu approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit li ma saritx invalida skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2007/46/KE, l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 jew l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/1628 jista’, qabel il-jum ta’ meta d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fih, japplika għand awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni għal approvazzjoni tal-istess tip tal-Unjoni.
2. Biex jiġi approvat, it-tip irid mill-inqas ikun konformi mar-rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta’ vetturi ġodda, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati applikabbli fil-mument li l-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni tieħu effett.
3. Meta jippreżenta l-applikazzjoni skont il-paragrafu 1, il-manifattur għandu jkun obligat li jħallas tariffi adegwati għal xi spejjeż li jirriżultaw mill-eżerċizzju tas-setgħat u t-twettiq tal-obbligi tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni b’rabta mal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni.

#### *Artikolu 5*

### **Kondizzjonijiet għall-għoti ta’ approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni u l-effetti tagħhom**

1. Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 8(2), l-Artikolu 9(1)(a) u l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2007/46/KE, l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, l-Artikoli 7(2) u 18 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 u l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2016/1628, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni li tkun irċeviet applikazzjoni f’konformità mal-Artikolu 4 ta’ dan ir-Regolament tista’ tagħti approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni fir-rigward ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jekk dak it-tip jissodisfa, fil-mument meta l-approvazzjoni tidħol fis-seħħ, tal-inqas ir-rekwiżiti kollha applikabbli għat-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta’ vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ġodda.
2. Sakemm l-ebda rekwiżiti ġodda ma jkunu applikabbli u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, l-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni tista’ tingħata abbażi tal-istess rapporti tat-test li jkunu ntużaw qabel għall-għoti tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit f’konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli, irrispettivament minn jekk is-servizz tekniku li ħareġ ir-rapport tat-test ġie maħtur u nnotifikat mill-Istat Membru tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni skont id-Direttiva 2007/46/KE, ir-Regolament (UE) Nru 167/2013, ir-Regolament (UE)

Nru 168/2013 jew ir-Regolament (UE) 2016/1628, anki wara li d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fih.

3. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni tista' titlob ir-repetizzjoni ta' testijiet speċifiċi qabel ma tingħata l-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni. F'dak il-każ, it-test irid jitwettaq minn servizz tekniku li jkun inħatar u nnotifikat mill-Istat Membru tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni skont id-Direttiva 2007/46/KE, ir-Regolament (UE) Nru 167/2013, ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 jew ir-Regolament (UE) 2016/1628.

4. It-tip approvat skont il-paragrafu 1 għandu jirċievi ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE b'numru li jikkonsisti min-numru li jiddistingwi l-Istat Membru li l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tiegħu tat l-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni u min-numru tal-att applikabbli msemmi fl-Artikolu 2(1). Huwa għandu jinkludi wkoll in-numru tal-aħħar att emendatorju li jkun fih ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip li skonthom tingħata l-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni. Għall-vetturi, iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u ċ-ċertifikat tal-konformità għandhom, taħt "Rimarki:", ikun fihom l-indikazzjoni "Approvat għat-tip preċedentement bħala" u referenza għan-numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip li jkun ingħata wara l-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit. Għas-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip għandu jkun fih l-indikazzjoni "Approvat għat-tip preċedentement u mmarkat bħala" u referenza għall-immarkar li jkun sarlu wara l-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit.

5. L-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-għoti tagħha jew f'data aktar tard stabbilita fiha. L-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit issir invalida sa mhux aktar tard mill-jum meta tidħol fis-seħħ l-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni.

6. Approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni għandha titqies bħala approvazzjoni tat-tip tal-KE jew tal-UE skont it-tifsira tad-Direttiva 2007/46/KE jew kwalunkwe att elenkat fl-Anness IV ta' dik id-Direttiva, ir-Regolament (UE) Nru 167/2013, ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 jew ir-Regolament (UE) 2016/1628. Id-dispożizzjonijiet kollha ta' dawn l-atti li għalihom m'hemm deroga f'dan ir-Regolament għandhom ikomplu japplikaw. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni għandha tiegħu responsabbiltà sħiħa għall-obbligi li joħorġu mill-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni.

L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni għandha wkoll, mid-data meta l-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni ssir effettiva, teżerċita s-setgħat kollha u tissodisfa l-obbligi kollha tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit fir-rispett tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati kollha prodotti abbażi tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit u li jkunu diġà tqiegħdu fis-suq, reġistrati jew jinsabu fis-servizz fl-Unjoni. Dan ma għandux ikopri kwalunkwe responsabbiltà għal kwalunkwe atti jew omissjonijiet attribwibbli lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit.

## *Artikolu 6*

### **L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni responsabbli għal vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ta' tipi li ma jkunux ġew approvati skont dan ir-Regolament**

1. Meta japplika għal approvazzjoni tat-tip skont l-Artikolu 4, il-manifattur għandu jitlob lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni inkwistjoni biex tassumi l-obbligi tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit għal vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li tqiegħdu fis-suq, li ġew reġistrati jew li kienu fis-servizz fl-Unjoni abbażi tal-approvazzjonijiet tat-tip tar-Renju Unit li saru invalidi skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2007/46/KE, l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 jew l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/1628, jew li għalihom ma tkun intalbet l-ebda approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

Din it-talba għandha ssir għall-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati abbażi tal-approvazzjonijiet tat-tip tar-Renju Unit miżmumin mill-manifattur li kienu ngħataw wara l-1 ta' Jannar 2008 sakemm il-manifattur ma jippreżentax prova lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni li għandu ftehim mal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip oħra tal-Unjoni li jkopri dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati.

2. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni tista' tagħti biss approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni skont l-Artikolu 5 wara li tkun aċċettat it-talba magħmula skont il-paragrafu 1 u wara li l-manifattur ikun qabel li jkopri l-ispejjeż li l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni tista' ġġarrab b'riżultat tal-eżerċizzju tal-poteri tagħha u t-tweqqif tal-obbligi fir-rigward ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati kkonċernati.

3. Wara li taċċetta t-talba msemmija fil-paragrafu 1 u toħroġ l-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni skont l-Artikolu 5, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni għandha teżerċita l-poteri kollha u taqdi l-obbligi kollha tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit fir-rigward ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati prodotti abbażi tal-approvazzjonijiet tat-tip tar-Renju Unit imsemmija fil-paragrafu 1 rigward sejħiet lura ta' prodott mis-suq, informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni u kontrolli ta' konformità waqt is-servizz. Dan ma għandux ikopri kwalunkwe responsabbiltà għal kwalunkwe atti jew omissjonijiet attribwibbli lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit.

4. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni għandha tgħarraf lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bit-tipi li għalihom tkun aċċettat li tassumi l-obbligi tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit, skont il-paragrafu 1.

## *Artikolu 7*

### **Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*